

# L-ITTRI KATTOLIĊI FIL-ĠDID TESTMENT

*Fr Charles Buttigieg*

*"Hieni l-bniedem li jistabar fit-tiġrib, għax wara li jkun għeleb it-tiġrib, jaqla' l-kuruna tal-ħajja li l-Mulej wiegħed lil dawk li jħobbuh"*

*(Ġakbu 1:12)*

L-Ittri Kattoliċi, jiġifieri 'universali', huma sebgħa fil-Ġdid Testment u dawn huma: Ġakbu 1 u 2, Pietru 1, 2 u 3, Ġwanni u Ġuda. Il-kelma 'kattoliċi' tfisser 'universali' għaliex dawn inkitbu għall-knejjes kollha fil-bidu tal-Knisja u għalhekk meqjusa bħala ittri ċirkulari. Kien San Injazju ta' Antijokja, fl-ittra tiegħu lill-knisja ta' Smirna fit-Turkija, li kiteb li fejn hemm l-isqof hemm il-'knisja kattolika'. Il-knejjes tas-Sirja qatt ma aċċettaw l-ittri Kattoliċi. Fil-Ġ.T. tal-Kopti nsibu ukoll l-ewwel u t-tieni ittra ta' San Klement.

## L-Ittri ta' San Pietru

L-ittri kanoniċi ta' San Pietru huma tnejn. Hemm kitbiet oħra attribwiti lil San Pietru imma dawn huma meqjusa bħala apokrifi. L-Ewwel Ittra ta' San Pietru għalkemm hija indirizzata lill-komunitajiet nsara ta' Pontu, tal-Galazja,



il-Kappadoċja, l-Asja u l-Bitinja; hija meqjusa bħala 'ittra ġenerali' miktuba madwar is-sena 63-64 W.K. ġewwa l-belt ta' Ruma għall-Knisja kollha, għall-insara kollha mxerrdin speċjalment fl-Asja Minuri. F'dawn il-komunitajiet kien hemm insara ta' oriġni Lhudija kif ukoll pagana. Għandha ħames kapitli b'105 versi. Aktarx inkitbet fi żmien Neruni meta l-persekuzzjoni aktar sistematizzata ta' Djoklezzjanu u Trojanu kienet għadha ġejja. Xi wħud mill-biblisti jikbtu li hija priedka batteżimali. Bultmann jikteb li fl-ittra hemm innu u kredu, jiġifieri stqarrija ta' fidi. Minn dejjem sa minn Irinew kien hemm qbil li l-awtur huwa Pietru l-ewwel Papa. Sa mill-bidu nett Klement Ruman jikkwota lil din l-ittra importanti. Fiha nsibu enfasi fuq id-dinjità ta' dawk kollha li jħaddnu r-reliġjon l-ġdida mwaqqfa minn Kristu. Titkellem dwar id-dmirijiet tal-ħajja nisranija u l-imġiba tan-nistani fid-dinja pagana. Tkompli tgħid ukoll, li huma jissieħbu mat-tbatijiet ta' Kristu meta jgħaddu mill-prova tat-tbatija speċjalment dik tal-persekuzzjoni u li wara din it-tbatija hemm tassew wirt imħejji għalihom (ara 1,1 u 5,12). Huwa jgħallem dwar is-salvazzjoni, dwar il-miġja ta' Kristu, il-filjolanza tan-nisrani, u fuq kollox dwar il-poplu ġdid ta' Alla fil-knsija u t-tbatija tan-nirani. L-eqdem




manuskritti bibliċi li jġibu din l-ittra huma l-papiri 72 u 81 li huma tal-bidu tar-raba' seklu A.D.

Rigward it-tieni ittra, insibu li għandha rabta kbira ma' San Pietru u nkitbet qabel il-qerda ta' Ġersualemm fis-sena 70 W.K.. Din l-ittra għandha ħafna xebh mat-tagħlim ta' San Pawl u t-tagħlim fl-ittra ta' San Ġuda. Hija tgħallem dwar il-ħajja tan-nisrani u twissi kontra l-għalliema foloz u l-valur tal-kotba mqaddsa (1:19-21). Hija iqsar mill-ewwel ittra u fiha 3 kapitli u 61 vers. L-eqdem manuskritt bibliku li jġib din l-ittra huwa l-papiru 72 li huwa tal-bidu ta-raba' seklu A.D.

## L-Ittra ta' San Ġuda

Ġuda Taddew hu l-isem li nsibu f'Mattew u f'Marku bħala Taddew. F'Luqa u fl-Atti nsibuh bħala Ġuda ta' Ġakbu għax kien hu Ġakbu u qarib tal-Mulej (ara Ġuda 1:1). Jissemma fl-aħħar ċena waqt id-diskors ta' Ġesù (ara Ġw 14:22). Huwa l-awtur ta' din l-ittra kanonika kif naraw fl-ewwel vers tal-ittra u huwa possibilment it-tielet isqof ta' Ġerusalemm wara Ġakbu u Xmun. Inkitbet biex tfarrak l-ereżiji tal-kotba apokrifi u nkitbet madwar is-sena 90 W.K.. Fuq kollox turi l-importanza tal-fidi li ġejja mill-appostli u l-ħniena ta' Alla mogħtija permezz ta' Ġesù Kristu. Fiha kapitlu wieħed fejn inisbu 25 vers biss. L-eqdem manuskritti bibliċi li jġibu din l-ittra huma l-papiri 72 u 78 li huma tal-bidu tar-raba' seklu W.K..

## L-Ittra ta' Ġakbu

Huwa Ġakbu qarib tal-Mulej li kiteb din l-ittra (ara Gal



1:19 u Atti 12:7). Ġakbu ż-żgħir, bin Alfew huwa meqjus minn ħafna bħala l-qarib tal-Mulej kif juri San Pawl f'Gal 1:19. Huwa sar isqof ta' Ġerusalemm u mexxa l-ewwel Konċilju ta' Ġerusalemm (ara Atti 15:13 u Gal 2:9). It-tradizzjoni dejjem żammet li huwa dan Ġakbu li kiteb din l-ittra għaliex fil-Ġdid Testment jissemmw erba' persuni bl-isem ta' Ġakbu: hemm Ġakbu ħu Ġwanni l-evanġelista, hemm Ġakbu bin Alfew li kien wieħed mill-appostli, hemm Ġakbu ż-żgħir iben Marija u Ġużeppi u Ġakbu missier Ġuda. Huwa kellu t-tmexxija tal-knisja tal-bidu f'Ġerusalemm u dan jidher fl-ittra għaliex iwissi, jikkmanda u jċanfar u jgħallem. Huwa kiteb lit-tnax-il tribù mxerrda mad-dinja, kif jispjega fl-ewwel vers tal-ittra. Aktarx din l-ittra inkitbet bejn in-snin 60 u 70 jew 80 ġewwa Ġerusalemm bil-Grieg. Hija ittra ċirkulari forma ta' diskors morali b'ġabra ta' eżortazzjonijiet, twissijiet u istruzzjonijiet. Fiha ħames kapitli u 108 versi. L-eqdem manuskritti bibliċi li jġibu din l-ittra huma l-papyri 20, 23, u 100 li huma tat-tielet seklu W.K..

L-ittra tgħallem dwar l-importanza tal-kelma ta' Alla għaliex hija l-kelma tal-verità (1:18). Jisħaq ħafna fuq it-talb fil-ħajja tan-nisrani u tal-komunità kif naraw fil-kapitlu 5,14-15: "Hemm xi ħadd marid fostkom? Ħalli dan isejjaħ lill-presbiteri tal-Knisja; biex dawn jitolbu għalih u jidilkuh biż-żejt f'isem il-

Mulej: it-talba tal-fidi ssalva lill-marid, u l-Mulej iqajmu; u jekk ikun għamel xi dnubiet jinħafrulu." Jitkellem ukoll dwar il-misteru tat-tbatija fil-ħajja tan-nisrani u t-tiġrib li jista' jgħaddi minnhom kif naraw f'4:6. Jitkellem fuq kollox dwar il-fidi u l-opri f'2, 14-17: "Hekk ukoll il-fidi: jekk tkun waħedha u ma jkollhiex għemil tkun mejta". Jitkellem ukoll dwar l-inġustizzji u mġiba oħra morali (3:2-10).

## L-Ittri ta' San Ġwann

Minbarra l-evanġelju u l-Apokalissi San Ġwann l-Evanġelista għandu tliet ittri kanoniċi fil-Ġdid Testment. L-ewwel ittra għandha rabta kbira mar-raba' vanġelu. Inkitbet madwar is-sena 90-100, aktarx ġewwa Efesu. L-iskop tal-ittra hu li ssaħħaħ il-fidi u tagħmel twissija kontra tagħlim falz. Tgħallem dwar Alla, dwar Ġesù u l-Ispirtu s-Santu u fuq kollox dwar l-imħabba nisranija, l-*agape*: "Alla hu mħabba u min jgħammar fl-imħabba, jgħammar f'Alla u Alla fih" (4:16-21). Twissi wkoll kontra l-ħażen u d-dnub u kontra l-għedewwa tal-knisja (2:18). L-awtur qisu missier u mexxej spiritwali u fl-ittra hemm ton familjari espress bil-kelmiet 'ulied' u 'għeżież'. Xi biblisti jsostnu li hija ittra ċirkulari lill-knejjes tal-Asja. L-ittra kienet studjata minn diversi biblisti bħal Bultmann, Marxen, Von Dobschitz, Brown, Kaseman, Schanackenburg u De la Potterie. Is-silta ta' 1 Ġwanni 5:7 tissejjaħ bil-Latin *comma Ioanneum* għaliex issemmi t-Trinità. Fiha ħames kapitli u 105 versi. Hija l-unika ittra li tinqara kollha kemm hi fil-liturġija tal-Knisja. It-tieni u t-tielet ittra ta' San Ġwann juru li l-awtur huwa presbiteru bħalma kien Ġwanni ġewwa Efesu. Inkitbu fuq kollox biex jegħlbu l-ereżiji dwar Ġesù li bdew jinbtu fil-bidu tal-Knisja għaliex kien hemm elementi ta' apostasija u xiżma tal-Antikristi. Fl-ittri hemm ċertu għarfien tar-raba' evanġelju. It-tieni ittra hija indirizzata lis-sinjura magħżula u lil uliedha u għalhekk lill-Knisja. Fiha 13-il vers biss. Hija tgħallem kontra l-injostiċiżmu u d-doċetiżmu. It-tielet ittra hija qasira ukoll u fiha 15-il vers. Hi indirizzata lil Gajju. L-eqdem manuskritti ta' dawn it-tliet ittri huma l-papiri 9 u Alef li huma tat-tielet u tar-raba' seklu.

## Biblijografija


Allison, D.C., "James through the centuries", in *American Theological Inquiry. A biannual journal of Theology, Culture and History* 7 (2014) 11-16.

LOCKYER, H., *All the Apostles of the Bible*, London 1972.

Michl, J., *Die Katholischen Briefe*, Regensburg 1968.

Monferrer-Sala, J.P., "An eastern Arabic version of the three epistles of Saint John (Codex Ar. 1625) kept in the monastery of El Escorial (Madrid), in *Parole de l'Orient* 27 (2002) 27-49.

Mussner, F., *La lettera di Giacomo*, Brescia 1970.

*The New Jerome Biblical Commentary*, R.E. Brown – J.A. Fitzmyer - R.E. Murphy (eds.), London 1991.

Niccum, C., *Ms 2345: a 15th century Ethiopian manuscript of Acts and the Catholic Epistles*, Abilene Christian University, 2008.

Reese, J.A., *2 Peter and Jude*, Two Horizons New Testament Commentary, Grand Rapids (MI) 2007.

STIBBS, A.M. – WALLS, A.F., *The First Epistle General of Peter*, The Tyndale New Testament Commentaries 17, Michigan 1983.

Ward, R.B., "Partiality in the Assembly: James 2:2-4", in *Harvard Theological Review* 62 (1969) 87-97.

WILKENHAUSER, A., *New Testament Introduction*, New York 1958.

Verseput, D.J., "Reworking the puzzle of faith and deeds in James 2:14-26", in *NTS* 43 (19970 97-115.